MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2014

Numru 3/2011

**Number : 3/2011**

**Ir-Repubbblika ta' Malta**

**v.**

**Noel Zarb**

**Il-Qorti:**

**1.** Din hija sentenza dwar zewg appelli minn decizjoni tal-Qorti Kriminali moghtija minn dik il-Qorti fis-17 ta' Ottubru 2011 dwar eccezzjonijiet preliminari ta' l-akkuzat u ta' l-Avukat Generali. Appell wiehed gie ntavolat mill-akkuzat (minn hawn 'il quddiem jibqa' jissejjah "l-akkuzat") fl-20 ta' Ottubru 2011 u iehor mill-Avukat Generali (minn hawn 'il quddiem jibqa' jissejjah "l-Avukat Generali") intavolat ukoll fl-20 ta' Ottubru 2011.

**2.** Noel Zarb kien akkuzat, permezz ta' Att ta' Akkuza pprezentat mill-Avukat Generali fit-22 ta' Frar 2011 (nru 3/2011) li (1) b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'ghemil zieni, ikkorrompa lil Melvin Gatt, persuna ta' taht l-eta`, b'dan illi d-delitt sar bi vjolenza, b'qerq u meta l-minuri, imqar jekk ghal xi zmien, gie fdat lilu biex jiehu hsiebu, jedukah, jindukrah jew izommu; (2) bi vjolenza, ikkometta stupru aggravat fuq Melvin Gatt, b'dan li d-delitt gie kommess b'mezzi qarrieqa u fuq persuna li ma kinitx ghalqet l-eta` ta' tmintax-il sena; (3) b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita` kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Melvin Gatt kontra l-volonta` tieghu, jew ta l-post biex fih Melvin Gatt jigi arrestat, mizmum jew issekwestrat, b'dan li d-delitt sar bhala mezz biex persuna tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess ta' dik il-persuna; (4) b'ghemil zieni kkorrompa lil Daniel Aquilina, persuna ta' taht l-eta`, bi vjolenza u b'qerq u meta l-minuri kien, imqar ghal xi zmien, fdat lilu biex jiehu hsiebu, jedukah, jghallmu, jindukrah jew izommu; (5) bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita` kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Daniel Aquilina kontra l-volonta` tieghu, jew ta l-post biex fih Daniel Aquilina jigi arrestat, mizmum jew issekwestrat, b'dan li d-delitt sar bhala mezz biex persuna tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess ta' dik il-persuna; (6) b'diversi atti maghmulin minnu

ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'eghmil zieni kkorrompa lil Waylen Dimech, persuna ta' taht l-eta`, bi vjolenza u b'qerq; (7) b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda,  bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita` kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Waylen Dimech kontra l-volonta` tieghu, jew ta l-post biex fih Waylen Dimech jigi arrestat, mizmum jew issekwestrat, b'dan li d-delitt sar bhala mezz biex persuna tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess ta' dik il-persuna.

**3.** Fir-rikors ta' appell tieghu l-akkuzat indika li kien qieghed jappella mid-decizjoni ta' l-ewwel Qorti dwar it-tieni, ir-raba', il-hames u s-sitt eccezzjonijiet illi jghid li kellhom jigu milqugha minghajr rizervi. Da parti tieghu l-Avukat Generali appella mid-decizjoni tal-Qorti Kriminali dwar l-ewwel eccezzjoni u parti mit-tielet eccezzjoni ta' l-akkuzat.

**4.** Permezz tan-nota ta' l-eccezzjonijiet ipprezentata fit-18 ta' Marzu 2011 l-akkuzat eccepixxa:

"1. In-nullita` ta' l-att ta' l-akkuza, ossia n-nullita` tat-tieni kap ta' l-att ta' l-akkuza, in kwantu, fir-rigward ta' l-akkuza hemm kontenuta, jezisti difett fl-atti tal-kumpilazzjoni konsistenti fin-nuqqas ghal kollox tad-decizjoni li tiddikjara li l-esponent ghandu jitqieghed taht att ta' akkuza, u dan ai termini tas-subinciz (4) ta' l-artikolu 597 tal-Kodici Kriminali;

"2. L-inammissibilita` tax-xiehda ta' Melvin Gatt (fol. 309 *et. seq.* u bla pregudizzju ghall-eccezzjoni precedenti, fol. 194 *et. seq.*) peress li dawn ix-xihdiet ittiehdu bi vjolazzjoni ta' dak li jiddisponu l-artikolu 90 tal-Kap. 164 u l-*proviso* tas-subinciz (2) ta' l-artikolu 646 tal-Kodici Kriminali;

"3. L-inammissibilita` tax-xiehda ta' Melvin Gatt (fol. 12 *et seq.* u fol. 194 *et seq.*), Daniel Aquilina (fol. 49 *et seq.*) u Waylon Dimech (fol. 64 *et seq.*) peress li, kif jirrizulta min-nota ta' l-eccipjent li tinsab a fol, 273 ta' l-atti processwali, wara z-zieda fl-akkuza fit-22 ta' April 2008, ma gewx ezentati milli jixhdu mill-gdid;

"4. L-inammissibilita` tax-xiehda ta' Dr Evelyn Caruana Demajo (fol. 117 *et. seq.*) in kwantu nghatat minghajr ma giet ezentata mis-sigriet professjonali kif ukoll l-inammissibilita` tad-dokumenti minnha esebiti (Dok. X – fol. 37 u Doks. CD u CD1 – fol. 119 *et. seq.*) ghall-istess raguni kif ukoll in kwantu jikkostitwixxi *documentary hearsay*;

"5. L-inammissibilita` tax-xiehda ta' Sister Mariella Agius (fol. 287 *et. seq.*) u Remenda Grech (fol. 379 *et. seq.*) f'dawk il-partijiet li jikkostitwixxu *hearsay evidence* u/jew huma bazati fuq opinjonijiet;

"6. L-inammissibilita` tax-xhud Mark Mangion u tax-xiehda tieghu moghtija fl-istruttorja (fol. 372 *et. seq.*) in kwantu huwa espert *ex parte*".

**5.** Permezz tan-nota tal-21 ta' Marzu 2011 l-Avukat Generali ta avviz ta' eccezzjoni dwar l-ammissibbilita` ta' xhieda indikati mill-akkuzat:

"Illi biha b'referenza ghan-nota ta' Noel Zarb tat-18 ta' Marzu 2011, u notifikat lill-esponent fl-istess data, qed jaghti avviz ta' l-eccezzjoni dwar l-ammissibilita` ta prova ta' Edgar Gatt u Raymond Dimech indikati fin-numru 3 tal-lista pprovduta fin-nuqqas ta' l-oggett tal-prova li trid issir bihom ai fini tal-mertu tal-kaz u ghaldaqstant ghandhom jitqiesu inammissibli.

"Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-sueccipit, l-esponent qed jaghti avviz ta' l-eccezzjoni dwar l-ammissibilita' tal-prova tal-Ispettur Mario Tonna kif indikat fin-numru 5 u dan minhabba in-nuqqas ta' l-oggett tal-prova li trid issir biha specifikatament minhabba l-fatt li ma

giex specifikat ghal liema parte civile qed jirreferi u kwindi r-relevanza tal-istess hija mistura;

"Illi in oltre u minghajr pregudizzju ghas-sueccipit, l-esponent qed jaghti avviz ta' l-eccezzjoni dwar l-ammissibilita` ta' provi indikati ta' rapprezenant tad-Dar tal-Provvidenza u Dr Pisani indikati fin-numru 6 u 7 b'mod rispettiv fil-lista tax-xhieda tad-difiza waqt l-istadju tal-gbir ta' provi u semmai d-deposizzjoni taghhom tkun permissibbli biss ai fini ta' piena u/jew tal-karattru tal-akkuzat u cioe` wara biss u jekk jinghata l-verdett ta' htija kontra l-istess l-akkuzat;

"Illi di piu` u dejjem minghajr pregudizzju ghas-sueccipit, l-esponent qed jaghti avviz ta' l-eccezzjoni dwar l-ammissibilita` ta' prova dokumentarja li giet debitament annessa man-nota in kwistjoni u dan minhabba n-nuqqas ta' l-oggett tal-prova li trid issir bid-dokumenti kollha (Dok A, Dok B u Dok C). Dawn ma jidhrux li b'xi mod jistghu ikunu relevanti ghall-mertu tal-akkuzi kif migjuba kontra l-akkuzat u ghaldaqstant m'ghandhomx jigu ammessi".

**6.** Fil-partijiet rilevanti tas-sentenza taghha dwar dawn l-eccezzjonijiet l-ewwel Qorti qalet hekk :

**"L-Ewwel Eċċezzjoni. Nullita` tat-Tieni Kap tal-att tal-akkuża. Artikolu 597(4) tal-Kap 9.**

"Id-difiża ssottomettiet li t-Tieni Kap tal-Att tal-akkuża huwa null għaliex fil-kumpilazzjoni m'hemmx id-deċiżjoni tal-Qorti Istruttorja sabiex l-imputat / l-akkużat jitqiegħed taħt att tal-akkuża dwar dan it-Tieni Kap.

"Kemm id-difiża kif ukoll il-Prosekuzzjoni għamlu sottomissjonijiet verbali *in extenso* dwar dan il-punt kif jidher mit-traskrizzjoni inkluża fl-atti.

"Fil-qosor l-argument huwa dan. Fuq talba tal-*parte civile* tramite l-Avukat Ġenerali, l-Avukat Ġenerali, wara li bdiet il-kumpilazzjoni, kien talab li tiżdied akkuża oħra ma' dawk li kienu diġa' ngħataw qabel. Fuq l-akkużi li kienu ngħataw qabel il-Qorti Istruttorja kienet għamlet id-digriet tal-*prima*

*facie* iżda m'għamlitx l-istess digriet meta l-akkużi nqraw mill-ġdid taħt ġurament u sar l-interrogatorju tal-imputat. Intbagħat id-digriet tar-rinviju iżda ma reġax sar il-*prima facie*.

"Dwar in-nuqqas reali ta' dan id-digriet jidher li l-partijiet jaqblu. Il-Qorti iżda xorta għarblet sew il-proċess biex tara jekk forsi kienx daħal dan id-digriet u l-partijiet ma ndunawx li kien qiegħed hemm. It-tfittxija bir-reqqa iżda ma wasslitx għas-sejbien ta' dan id-digriet.

"Dwar il-punti legali mqajma mill-partijiet dawn jistgħu ikunu sintetizzati kif ġej. Il-Prosekuzzjoni tgħid li la sar l-ewwel digriet tal-*prima facie*, ma kienx hemm bżonn li jerġa' jsir ieħor għaliex l-ewwel digriet għandu jkopri kollox – inklużi akkużi ġodda li jistgħu jsiriu wara.

"*'Id-digriet prima facie li sar fil-bidu ma jbiddel xejn miċ-ċirkostanzi tal-każ u lanqas ma jbiddel il-fatt li ġiet ippreżentata akkuża ġdida.'*

"Id-difiża argumentat li malli saret l-akkuża l-ġdida

"*'għamilna kollox tajjeb għax għamilna l-eżami mill-ġdid kif trid il-Liġi, qrajna u kkonfermajna r-rapport bil-ġurament kif trid il-liġi, pero` d-diskrezzjoni tal-ġudikant li jiddeċiedi prima facie hemmx raġunijiet biżżejjed biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża, dak inneħuhielu*.'

"Fil-fehma tal-Qorti ġaladarba żdiedet akkuża / imputazzjoni ġdida fuq talba tal-Avukat Ġenerali, mhux biżżejjed li jkun hemm il-*prima facie* dwar l-akkużi oriġinali ta' meta nbdew il-proċeduri. La reġgħu nqraw l-akkużi mill-ġdid u reġa' sar l-eżami mill-ġdid u l-akkużi inkludew akkuża ġdida, u la l-akkużat seta' jammetti xi akkuża u jgħid li mhux ħati f'oħrajn jew jammetti kollox jew jgħid li m'hu ħati ta' xejn, isegwi li l-ewwel digriet tal-*prima facie* mhux biżżejjed. It-tieni digriet ta' *prima facie* huwa neċessarju għax l-Avukat Ġenerali talab li tidħol akkuża ġdida u issa x-xenarju m'għadux jikkonsisti fl-istess akkuża u l-Qorti trid ukoll tesprimi jekk hemmx *prima facie*

każ li l-imputat għandux jitqiegħed taħt att ta’ akkuża fuq l-akkuża l-ġdida wkoll.

**“Għaldaqstant il-Qorti qed tilqa’ din l-ewwel eċċezzjoni tad-difiża u qed tordna li jkun sfilzat it-tieni kap tal-att tal-akkuża.**

“**It-Tieni Eċċezzjoni - L-inammissibilita` tax-xhieda ta’ Melvin Gatt. (artikolu 90 tal-Kap 164; artikolu 646(2)proviso tal-Kap 9).**

“Dawn iż-żewġ artikoli jgħidu hekk:

**“Kap 164**
“‘90. (1) Minuri, vittma ta’ delitt kontra l-paċi u l-unur tal-familji, u kontra l-morali, u kull xhud ieħor li fil-fehma tal-qorti jkun jeħtieġ trattament jew ħarsien speċjali, jistgħu jiġu permessi li jagħtu x-xiehda tagħhom *viva voce* waqt il-proċess permezz ta’ trasmissjoni televisiva kontemporanja.’”

**“Kap 9 646(2) Proviso**
“‘Iżda wkoll meta x-xhud ikun minuri taħt is-sittax-il sena u tinġieb bi prova reġistrazzjoni bl-awdjo u bil-video tax-xiehda tal-minuri, il-minuri ma għandux jinġieb biex jiġi eżaminat *viva voce* kemm-il darba l-Qorti ma tordnax li jsir xort’oħra għal xi raġuni li toriġina wara d-data meta dak il-minuri jkun ta x-xiehda tiegħu u l-Qorti tqis li dan ikun fl-interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja u l-kxif tas-sewwa.’

“Fit-trattazzjoni d-difiża ssottomettiet li

“‘din hija kwistjoni ta’ minuri u mhux minuri meta jixhdu, meta ma jixhdux. L-istess għandek fuq Melvin Gatt, Daniel Aquilina, u Waylon Dimech peress illi, u hawnhekk il-Qorti tista’ tapprezza l-kontestazzjonijiet li kienu qed isiru meta tara t-tieni, t-tielet u r-raba’ eċċezzjoni, kif jirriżulta min-nota a folio 273 tal-atti proċesswali, konna aħna għamilna nota, wara ż-żieda fl-akkuża dawn ma ġewx eżentati milli jixhdu mill-ġdid.’

"Il-Prosekutur wieġbet:

"'It-tieni eċċezzjoni donnha bbażata li x-xhieda ta' Melvin Gatt ma ttiħditx skont l-artikolu 90 tal-Kap 164 u l-artikolu 646 tal-Kap 9. Milli jidher ma kienx hemm xi ksur fil-mod kif ittieħdet din ix-xhieda. Melvin Gatt kien wieħed mix-xhieda **li reġa' nstama' wara li saret żieda fl-akkuża."**

"Ikkonsidrat

"Mill-mod kif inhi redatta t-tieni eċċezzjoni l-Qorti tifhem li d-difiża qed toġġezzjona għall-proċedura użata waqt li xehed Melvin Gatt. Fil-verbal a fol 307 jidher li x-xhieda ta' Melvin Gatt ittieħdet bil-*video conference*. Barra dan, l-artikolu 90 tal-Kap 164 ma jgħidx li l-video conference huwa xi ħaġa ta' bilfors għax il-kelma użata hija 'jistgħu'. Il-proviso tal-artikolu 646(2) jagħti diskrezzjoni lill-Qorti għandux xhud minuri jerġa' jinstema' għal xi raġuni li toriġina wara d-data li jkun instema'. Dan huwa każ fejn il-Qorti kellha kull raġun li tisma' dan ix-xhud meta kien hemm żieda ta' akkuża ġdida u insistenza da parti tad-difiża li jerġgħu jinstemgħu ċerti xhieda. Għalhekk fil-fehma tal-Qorti ma jidhirx li saret xi irregolarita'.

**"Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad it-tieni eċċezzjoni tad-difiża.**

**"It-Tielet Eċċezzjoni – Inammissibilita` ta' xhieda li ma ġewx eżentati milli jixhdu mill-ġdid wara ż-żieda ta' akkuża fit-22 t'April 2008.**

**"Id-difiża qed ssottomettiet [*sic!*] li Melvin Gatt, Daniel Aquilina u Waylon Dimech jerġgħu jixhdu wara l-Avukat Ġenerali kien żied akkuża ġdida. Dan jirriżulta min-nota li tidher a fol 273.**

**"Skont il-Prosekuzzjoni (ara l-eċċezzjoni ta' qabel) Melvin Gatt kien reġa' xehed u skont il-proċess Melvin Gatt fil-fatt reġa' xehed fit-2 t'Ottubru 2009.**

**"Għalhekk il-Qorti qed tilqa' t-tielet eċċezzjoni in parte biss, jiġifieri billi qed tikkonkludi li x-xhieda mogħtija**

**minn Daniel Aquilina (fol 49 et seq) u Waylon Dimech (fol 64 et seq) għandhom ikunu sfilzati għaliex dawn ma reġgħux xehdu wara li kienet żdiedet akkuża ġdida u d-difiża ma eżentatx lill-Prosekuzzjoni milli terġa' ġġib lil dawn iż-żewġ xhieda biex jixhdu. Min-naħa l-oħra qed tiddeċiedi dwar x-xhieda ta' Melvin Gatt fis-sens li ġej. Ġaladarba kien hemm akkuża ġdida u ġaladarba dan reġa' xehed kif insistiet li jagħmel id-difiża, ix-xhieda li għandha tgħodd hija dik li huwa ta fit-2 t'Ottubru 2009, jiġifieri, dik li ngħatat wara li kienet żdiedet akkuża.**

**"Ir-raba' eċċezzjoni – L-inammissibilita` tax-xhieda ta' Dr Evelyn Caruana Demajo u tad-dokumenti ppreżentati.**

"Id-difiża tissottometti li x-xhieda ta' Dr Evelyn Caruna Demajo (fol 117 et) hija inammissibbli in kwantu din ingħatat mingħajr ma ġiet eżentata mis-sigriet professjonali. Huma inammissibbli wkoll xi dokumenti li ppreżentat (Dok X fol 37 u Dok CD u CD1 – fol 119) għall-istess raġuni u għaliex dawn jikkostitwixxu *documentary hearsay*.

"Il-Prosekuzzjoni ssottomettiet li

"*'Dr Evelyn Caruana Demajo kienet l-avukata tal-parte civili. Hi kienet qed tidher fil-proċeduri kollha tal-każ u kienet (sa fejn ftakret il-Prosekuzzjoni) li tkun parte civile b'mod formali. Id-dokumenti kienu ġew ikkonfermati mill-parte civile stess, li kiteb l-ittra, kien hemm waħda mis-social workers li kkonfermat li dik l-ittra kienet inkitbet quddiemha, u imbagħad kienet anke telgħet tixhed l-ispettur Calleja biex tikkonferma li dik l-informazzjoni ġiet wara u ma kinitx fl-istadju oriġinali, allura kien hemm il-bżonn li din il-prova tinġieb il-Qorti.'*

"Fil-fehma tal-Qorti l-ewwelnett l-Avukata setgħet ingħatat eżenzjoni mis-sigriet professjonali jew waqt is-smigħ tal-kawża jew ukoll mill-*parte civile* stess li hija kienet qed tirrapreżenta. Iżda l-qofol tal-kwistjoni hawn huwa sempliċi – m'hemm ebda dritt għad-difiża li toġġezzjona

dwar xhieda għax, skont hi, ma jkunx hemm l-eżenzjoni mis-sigriet professjonali. Hija l-*parte civile* li, se mai, għandha dan id-dritt għax dak li ntqal professjonalment ntqal bejn il-*parte civile* u l-avukata Dr.Evelyn Caruana Demajo u mhux bejn id-difiża u l-avukata msemmija. Għalhekk mhix tilqa' din il-parti tar-raba' eċċezzjoni.

"L-istess argument u konklużjoni jgħoddu għad-dokumenti ppreżentati mid-Dottoressa Dr Evelyn Caruana Demajo. U għalhekk dawn qed ikunu dikjarati ammissibbli. Il-Qorti qed tiċħad ukoll dik il-parti tal-eċċezzjoni li dawn huma *hearsay documents* mhux biss għax jirriżulta li min kitibhom iġġuramenthom iżda wkoll għaliex fil-prattika tal-Qorti Kriminali dawk il-provi li huma meqjusa bħala li jaqgħu taħt il-*'hearsay' rule*, mhumiex awtomatikament esklużi iżda minflok x-xhieda orali u dokumentali tibqa' fil-proċess u imbagħad il-ġudikant, matul il-ġuri, irid jagħti direzzjoni lill-ġurati li t-tali prova – jekk mhux magħmula mill-persuna li ra jew sema' huwa personalment – hija biss prova li sar dak il-kliem.

**"Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad ir-raba' eċċezzjoni.**

**"Il-ħames eċċezzjoni. L-inammissibilita` ta' ċerti xhieda oħra.**

"Id-difiża eċċepiet ukoll bħala inammissibbli x-xhieda ta' Sister Mariella Agius (fol 287 et seq) u Remenda Grech (social worker fol 379 et) f'dawk il-partijiet li jikkostitwixxu *hearsay evidence* u / jew bażati fuq opinjonijiet.

"Id-difiża matul it-trattazzjoni insistiet li ma jistax ikun li jkollok

"'Minn għoxrin xhud li minnhom ħmistax huma *hearsay*. Il-proċess ħa jieħu dimensjonijiet li ma jagħmlux aktar sens u m'għandux ikun aktar permissibbli li żewġ terzi tad-depożizzjonijiet ikunu kollha *hearsay*. Proprju għax ser jixhdu l-minuri stess, allura ma hemmx bżonn dawn il-provi. Dawn il-ħafna nies illi taw lilhom infushom xi funzjonijiet li donnhom imorru jinterrogaw, jinvistaw, jitkellmu, esperti suppost ta' *social workers* u mhux *social*

*workers* ma jagħmilx sens iżjed fejn qabel kien ikollok xhud wieħed jew tnejn li huwa *hearsay* u ħafna drabi jkunu *lay persons*. Hawn għandna sitwazzjoni fejn il-Qorti Istruttorja qegħda tistituzzjonalizza l-*hearsay*. Ma nistgħux nibqgħu ngħidu li ma jimpurtax għax imbagħad l-imħallef jispjega lill-ġurati. Jekk ser ikunu kkonfermati mill-vittmi stess, allura xi bżonn hemm ta' dawn il-provi? '

"Il-Prosekuzzjoni ssottomettiet li

"'Finalment dik hija konferma ulterjuri ta' dak li qal il-vittma liema diskors pero` ser ikun ikkonfermat minnhom stess, mill-vittma stess.'

"Ikkonsidrat

"Li l-artikoli relevanti dwar il-*Hearsay Rule* huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 reżi applikabbli għall-Kap 9 bl-artikolu 645 tal-Kap 9.

"'598. (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk il-fatti.

"(2) Il-qorti tista', *ex officio*, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bhal dawk.

"(3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk il-mistoqsijiet.'"

"Meta xiehda fuq
kliem ħaddieħor
hija ammessa.
Emendat:
XV. 1913.121.

"'599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali,

fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista’ jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort’oħra, l-aktar f’każijiet ta’ twelid, ta’ żwieġ, ta’ mewt, ta’ assenza, ta’ servitù, ta’ rjieħ ta’ immobbli, ta’ pussess, ta’ drawwiet, ta’ ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta’ reputazzjoni jew ta’ fama, ta’ kliem jew fatti ta’ nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l- falz, u ta’ fatti oħra ta’ interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.’

“Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b’approvazzjoni dwar il-*hearsay rule* f’kawżi ta’ natura kriminali huwa ‘Subramaniam v. Public Prosecutor’ fejn insibu dan il-kliem:

“*‘Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.’*

“Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji ta’ dan il-każ allura ċerti persuni li magħhom ikun tkellem l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju, għalliem jew social worker). Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Ix-xhieda tas-*social worker* u tal-għalliem (jew xi persuna oħra) hija biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, iżda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu. L-istess jgħodd għad-depożizzjoni u għar-rapport li jkun irrediġa xi pulizija. Dan fir-rapport jew fid-depożizzjoni jista’ jixhed li Ganni qallu (lill-Pulizija) li ra lil Pawlu jisraq. Din hi biss prova li Ġanni qal hekk iżda mhux li Pawlu seraq. Jekk fil-każ irid jitla’ Ġanni u jgħid bil-ġurament x’ra.

"Min-naħa l-oħra, jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-*hearsay rule* fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U fil-fatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il-każ: 'Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija' (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali.

"Peress li d-depożizzjoni, li tista' tkun *hearsay*, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi esklusa fl-istadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.

"Id-difiża oġġezzjonat ukoll għal xi 'opinjonijiet' ta' dawn iż-żewġ xhieda. Iżda d-difiża naqset milli tindika bi preċiżjoni fejn huma dawn l-opinjonijiet. Madanakollu, esperti mqabbda mill-Qorti biss jistgħu jesprimu opinjoni. Dan hu prinċipju li jgħodd dejjem u għal kull xhud u għalhekk jgħodd ukoll għal dawn iż-żewġ xhieda li dejjem jistgħu jkunu mwissja qabel jew waqt ix-xhieda tagħhom li jistgħu jixhdu biss dwar dak li semgħu jew raw biss.

**"Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad is-sitt [*recte:* il-ħames] eċċezzjoni sottomessa mid-difiża.**

**"Is-seba' [*recte:* is-sitt] eċċezzjoni – L-inammissibilita` tax-xhud Dr.Mark Mangion.**

"Dana x-xhud xehed fil-11 ta' Novembru 2009 u x-xhieda tiegħu tinsab a fol 373-375. Ix-xhieda tiegħu hija *down to earth matter of fact* bla ebda opinjonijiet. Tabib tal-familja jista' jixhed dwar dak li stabilixxa fl-eżami mediku bħala fatti. Ma jistax jagħti opinjoni għax mhux maħtur mill-Qorti iżda ma jfissirx li dan ma jitħalliex jixhed għax huwa t-tabib tal-familja. Dan ma ppreżenta ebda relazzjoni formali bil-konklużjonijiet kif isir mit-tabib forensiku.

**"Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad is-seba' [*recte:* is-sitt] eċċezzjoni tad-difiża.**

**“Eccezzjonijiet tal-Avukat Generali :**

“L-Avukat Ġenerali ta erba’ eċċezzjonijiet li tista’ tgħid jistgħu jinġabru f’waħda. Dawn kienu kollha dwar l-ammissibbilita’ ta’ xhieda. Biss fil-verbal tal-4 ta’ Lulju 2011, il-Qorti tat lid-difiża sal-11 ta’ Lulju 2011 biex jippreżenta nota fejn jindika l-iskop tax-xhieda b’notifika lill-Avukat Ġenerali. Din in–Nota saret u kienet ippreżentata fit-8 ta’ Lulju 2011. Fil-fehma tal-Qorti hija risposta li tikkjarifika dak kollu li talab l-Avukat Ġenerali u għalhekk il-Qorti mhix takkolji t-talbiet ta’ inammissibilita` magħmula mill-Avukat Ġenerali.”

**<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti dwar l-Appell tal-Akkuzat</u>**

**7.** L-akkuzat irtira **<u>r-raba’ aggravju</u>** tieghu waqt is-seduta tas-17 ta’ Jannar 2013, u konsegwentement din il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ tali aggravju. Ghalhekk jibqa’ li l-Qorti tiddeciedi l-ewwel, it-tieni u it-tielet aggravji tal-akkuzat illi jirrigwardaw it-tieni, ir-raba’ u il-hames eccezzjonijiet rispettivament ta’ l-akkuzat.

**8.** **<u>L-ewwel aggravju</u>** tal-akkuzat jirrigwarda it-tieni eccezzjoni tieghu, liema eccezzjoni, kif diga` intqal, giet michuda mill-Qorti Kriminali peress illi dik il-Qorti fehmet illi d-difiza kienet qed toggezzjona ghall-procedura uzata waqt illi xehed Melvin Gatt. L-ewwel Qorti gustament qalet illi l-artikolu 90 tal-Kap. 164 ma jghidx illi minuri jrid jixhed bil-fors bil-procedura tal-*‘video conference’* izda l-Qorti tista’ taghzel illi tisimghu *viva voce*, ai termini tal-*proviso* tal-artikolu 646(2) tal-Kap. 9. Il-Qorti Kriminali iddecidiet illi l-Qorti Istruttorja kellha ragun li tisma’ lil dan ix-xhud meta kien hemm zieda ta’ akkuza gdida u ghalhekk ma dehrilhiex li saret xi irregolarita` u konsegwentement cahdet din l-eccezzjoni tad-difiza;

**9.** L-akkuzat josserva illi l-artikolu 90 tal-Kap. 164 abbinat mal-*proviso* tal-artikolu 646(2) tal-Kap. 9 ighid illi minuri ghandu jixhed wara li jkun diga` xehed bil-*'video conference'* jekk hekk tordna l-Qorti "ghal xi raguni li torigina wara d-data meta dak il-minuri jkun ta x-xiehda tieghu ....".

**10.** Skond l-akkuzat, qari akkurat ta' dawn l-artikoli juri car li l-eccezzjoni ghar-regola ghandha ssehh biss jekk jirrizulta fatt gdid wara li l-minuri jkun xehed l-ewwel darba. Jissottometti illi bil-kliem "b'raguni li torigina wara d-data ...", il-legislatur ma huwiex qed jirreferi ghal korrezzjoni tardiva tal-prosekuzzjoni bhalma gara f'dan il-kaz. Il-fatt li wassal ghall-korrezzjoni kien wiehed li sehh qabel ma xehed Melvin Gatt l-ewwel darba.

**11.** Din il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni ta' l-akkuzat. Il-Qorti mhijiex imsejha biex tara meta sehh l-allegat fatt izda hija msejha biex tara, fl-ewwel lok, jekk tezistix xi raguni li torigina wara d-data li fiha jkun xehed il-minuri l-ewwel darba u li tista' twassal lill-Qorti tammetti lill-minuri biex jerga' jixhed.

**12.** Issa, ghalkemm Melvin Gatt xehed l-ewwel darba fl-24 ta' Lulju 2006, u ghalkemm Doris Baldacchino xehdet illi "jekk minhix sejra zball" Gatt kien semmielha l-allegat stupru f'Mejju 2006, mix-xiehda tas-*social worker* Remenda Grech jirrizulta illi l-*guidance teacher* Doris Baldacchino kienet ghamlet rapport lill-Agenzija APPOGG fid-19 ta' Gunju 2006 dwar allegat abbuz sesswali li kien sar fuq Melvin Gatt u Douglas Gatt minn Noel Zarb, u fis-26 ta' Ottubru 2006 Doris Baldacchino kienet cemplitilha u nfurmatha li kien hemm xi zviluppi ohra. Is-*social worker* marret tkellimha l-iskola, kellmet lil Melvin Gatt u dan allega li Noel Zarb kien "irrejpjah". Inoltre Melvin Gatt ma semma xejn dwar l-allegat stupru meta xehed l-ewwel darba, u meta xehed it-tieni darba qal li ma kien semma xejn ghax beda jisthi hafna u haseb li mhux se jkun emmnut. Jirrizulta wkoll illi kien fil-21 ta' Ottubru 2006 illi Melvin Gatt gharraf lill-avukat tieghu bl-allegat akkadut, u dan permezz ta' ittra. U sussegwentement giet mgharrfa l-Pulizija. Mela galadarba la l-Pulizija u lanqas il-Qorti ma

saru jafu dwar l-allegazzjoni ta' stupru li ghamel Melvin Gatt hlief ftit xhur wara l-ewwel xiehda tieghu, din kienet raguni valida skond il-ligi sabiex jerga' jigi prodott biex jixhed fuq din l-allegazzjoni gdida tieghu. Apparti hekk, kif korrettement qalet il-Qorti Istruttorja fid-digriet taghha tat-23 ta' Ottubru 2007, "l-allegazzjoni hija wahda serja u din il-Qorti tkun qed tonqos mid-doveri taghha, kemm versus il-Prosekuzzjoni u d-Difiza, kif ukoll u b'mod specjali lejn id-dover taghha lejn il-kxif tas-sewwa u l-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja, jekk kemm-il darba ma tesigix, ai termini ta' l-artikolu 646(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li terga' tisma' lill-minuri…."[1]

**13.** Kwantu ghall-fatt illi Melvin Gatt xehed ghat-tielet darba, dan kien fuq insistenza tad-difiza kif jirrizulta min-nota ta' l-akkuzat tal-5 ta' Mejju 2009[2]. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax tifhem kif issa l-akkuzat jippretendi li x-xiehda li Melvin Gatt ta fit-2 ta' Ottubru 2009 (a fol. 390 *et seq.*) ghandha tigi dikjarata inammissibbli.

**14.** Konsegwentement l-ewwel aggravju ta' l-akkuzat qieghed jigi michud.

**15.** **<u>It-tieni aggravju</u>** tal-akkuzat tirrigwarda r-raba' eccezzjoni tieghu dwar l-inammissibilita` tax-xiehda ta' Dr Evelyn Caruana Demajo (fol. 117 '*et. seq.'*) in kwantu nghatat minghajr ma giet ezentata mis-sigriet professjonali, kif ukoll l-inammissibilita` tad-dokumenti minnha esebiti (Dok. X – fol. 37 u Doks. CD u CD 1 – fol. 119 "*et. seq.*") ghall-istess raguni kif ukoll in kwantu jikkostitwixxu *"documentary hearsay".*

**16.** Din il-Qorti rat l-artikolu 588 (1) tal-Kap. 12 (rez applikabbli mill-artikolu 520(1)(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta) illi jghid hekk: "L-avukat u l-prokuratur legali ma jistghux minghajr il-kunsens tal-klijent ... jigu mistoqsija fuq hwejjeg li jkunu gew jafu, l-avukat jew il-prokuratur legali billi jkunu gew fdati lilhom mill-klijent, ghall-finijiet tal-kawza...." Rat ukoll f'dan ir-rigward l-artikolu 642 tal-Kap.

[1] Fol. 177 sa 181 ta' l-atti tal-kumpilazzjoni.
[2] Fol. 273 *ibidem*.

9 u rat illi l-ligi trid illi hadd ma jista' jgieghel avukat sabiex, fix-xiehda tieghu, jizvela dak illi jkun qallu l-klijent tieghu.

**17.** Issa, fil-kaz in ezami Dr. Evelyn Caruana Demajo kkostitwiet ruhha *parte civile* ghal Melvin Gatt. Kull ma ghamlet meta xehdet fil-11 ta' Jannar 2007 kien li esebiet tliet dokumenti li gew mghoddija lilha minn omm Melvin Gatt: ittra u l-*envelope* li kien jikkontjeni l-ittra u li fuqu hija kitbet "Delivered to ECD by hand on 21/10/2006", u rizultati ta' testijiet li saru fil-*genitourinary clinic* fit-30 ta' Ottubru 2006. Id-dokumenti in kwistjoni evidentement inghataw lil Dr. Caruana Demajo bl-iskop preciz li ggibhom a konjizzjoni ta' l-awtoritajiet, u bhala *parte civile* kellha kull dritt li taghmel dan. Kjarament hija ma gietx imgeghelha tixhed. Inoltre Melvin Gatt ikkonferma li l-ittra kitibha hu u li mar jaghmel xi testijiet ghax beza' li seta' jkollu l-AIDS.

**18.** Ghalhekk anke t-tieni aggravju qieghed jigi michud.

**19.** **It-tielet aggravju** tal-akkuzat huwa dwar il-hames eccezzjoni tieghu, u cioe` dwar l-inammissibilita` tax-xiehda ta' Sister Mariella Agius (fol. 287 '*et. seq.*') u Remenda Grech (fol. 379 *'et. seq.*') f'dawk il-partijiet li jikkostitwixxu *hearsay evidence* u/jew huma bazati fuq opinjonijiet;

**20.** Dwar din l-eccezzjoni, il-Qorti Kriminali iddecidiet billi cahditha, ikkwotat l-artikoli 598 u 599 tal-Kap. 12, rezi applikabbli ghall-Kap. 9 bl-artikolu 645 tal-Kap. 9 u qalet illi minn qari ta' l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap. 12 "wiehed jista' jikkonkludi li l-*hearsay rule* fil-ligi taghna mhix daqshekk assoluta u fil-fatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeciedi l-kaz "Joseph Mary Vella et versus il-Kummissarju tal-Pulizija". Da parti tieghu l-akkuzat jirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Paul Cauchi** moghtija minn din il-Qorti fil-gurisdizzjoni inferjuri taghha fis-16 ta' Mejju 1997 fejn gie osservat illi l-artikolu 599 jaghti margini ta' diskrezzjoni kbira lill-qrati, kemm dawk civili kif ukoll dawk ta' gurisdizzjoni kriminali, izda li rreferiet ghall-annotamenti tal-Prof. Sir Anthony Mamo fejn jghid, *inter alia*: *"It is, therefore, submitted that*

*the said provisions of our code of civil procedure ought, in their application to H.M.'s Criminal Court sitting with a jury, be construed very much more narrowly than in their application to the Civil Courts or to Criminal Courts constituted without a jury."* Filwaqt li l-appellant mhuwiex jikkontesta l-kontenut ta' l-artikolu 599 imsemmi, jidher li l-preokkupazzjoni tieghu hi li dan l-artikolu jista' jigi abbuzat b'ghanijiet li ftit li xejn ghandhom x'jaqsmu mar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja.

**21.** Din il-Qorti ezaminat ix-xiehda in kwistjoni, li tinsab a fol. 287 *et seq.* u a fol. 379 *et seq.* u rat illi ma hemmx xi xiehda mimlija opinjonijiet b'mod lampanti. Waqt il-guri, jekk ikun il-kaz l-Imhallef jista` jwissi jew iwaqqaf xhud jekk jara li tkun se tesprimi opinjonijiet una volta illi dawn ix-xhieda ma kinux esperti mahtura mill-Qorti. F'dar-rigward tista' ssir referenza ghal dak li qalet din il-Qorti diversament komposta fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mario Azzopardi** moghtija fit-28 ta' Gunju 2012 fejn il-Qorti kienet iddecidiet eccezzjoni simili ferm ghal din prezenti. Il-Qorti qalet hekk:

**"18. … fid-dawl tal-fatt li fost il-provi tal-prosekuzzjoni hemm xhieda diretti tal-fatti in kawża allegati (fosthom il-minuri allegatament vittmi tar-reati dedotti fl-att tal-akkuża), din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura dwar il-mod kif l-ewwel Qorti esprimiet ruħha dwar ir-regola tal-*hearsay evidence* li ġiet minnha spjegata tajjeb. Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi *hearsay evidence* iżda jekk dak rapportat hux *hearsay evidence* jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun *hearsay evidence* u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx *hearsay evidence* u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-**

**xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra. Huma għal dawn ir-raġunijiet, kif tajjeb spjegat l-ewwel Qorti, li din it-tip ta' xiehda ma tistax tiġi eskluża *a priori* iżda d-deċiżjoni dwar l-opportunita` o meno li titħalla tingħata dik ix-xiehda u titqiegħed quddiem il-ġurija trid neċessarjament tiġi rimessa lill-Imħallef togat li jippresjedi l-ġuri li jkun tenut jagħti d-deċiżjoni tiegħu skont iċ-cirkostanzi li fihom jiżvolġi l-ġuri u skont l-esiġenzi evidenzjarji u proċedurali tal-proċess.**

**"19. Hekk, jekk tiġi messa in dubbju l-kredibilita` jew il-veridiċita` ta' xhud, speċjalment jekk dak ix-xhud ikun persuna minuri, il-prosekuzzjoni ma tistax legalment tiġi mċaħħda mill-possibilita` li tikkorrobora dik ix-xiehda bil-mezzi li tagħtiha l-liġi, inkluż it-tip ta' xiehda li ssemmiet hawn. Daqstant ukoll jekk tinqala' xi kwistjoni dwar jekk ix-xhud ikunx qiegħed jiftakar sew dak li jkun qiegħed jixhed dwaru jista' jkun meħtieġ li jiġi eżerċitat kontroll ta' dik ix-xiehda bil-mezz tax-xiehda ta' ħaddieħor dwar dak li jkun qallu l-istess xhud fiż-żmien relevanti. F'dawn l-eventwalitajiet, kif ingħad mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, ikun mistenni li l-ewwel Qorti tispjega lill-ġurija l-portata u l-limiti tal-valur tax-xiehda ta' persuna li tixhed dwar x'qal ħaddieħor. Naturalment, hu ugwalment mistenni li l-ewwel Qorti ma tammettix ix-xiehda fuq kliem ħaddieħor jekk mhux unikament għall-għanijiet u fil-limiti permessi mil-liġi kif gia` spjegat. Mill-mod kif ippronunzjat ruħha l-ewwel Qorti dwar dawn l-eċċezzjonijiet din il-Qorti ma għandhiex raġuni taħseb li l-ewwel Qorti ma hix ser tikkonforma ruħha ma' dak li hi stess stabbiliet li hi l-pożizzjoni legalment korretta dwar xiehda ta' kliem ħaddieħor, liema pożizzjoni qed tiġi wkoll konfermata f'din is-sentenza.**

**"20. Mill-mod kif ġie spjegat l-aggravju tal-akkużat appellant f'dan ir-rigward jidher li l-akkużat hu konsapevoli tal-pożizzjoni legali dwar il-*hearsay* kif spjegata kostantement mill-Qrati tagħna u li din hi fis-**

**sens kif spjegat mill-ewwel Qorti iżda dak li jidher qiegħed iħasseb lill-akkużat appellant hu l-abbuż li jista' jsir mir-regola msemmija dwar il-*hearsay* peress li dak li jkun qal ħaddieħor jista' jiġi malizzjożament użat sabiex minflok biex jikkontrolla dak li jkun xehed ħaddieħor jew sabiex jikkorrobora provi diretti oħra jintuża sabiex effettivament jissostitwixxi dik ix-xiehda ta' ħaddieħor jew dawk il-provi diretti l-oħra.**

**"21. Iżda huwa proprju għalhekk li l-proċess tal-ġuri huwa presedut mill-Imħallef togat sabiex dan jassigura li tali abbuż ma jsirx. L-abbuż hu possibbli għar-rigward ta' kull regola legali tal-evidenza iżda dan ma jfissirx li minħabba tali possibilita` ta' abbuż dik ir-regola għandha tiġi skartata. Ir-rimedju hu dak li pprovdiet il-liġi u ċioe` li l-Imħallef li jkun jippresjedi l-ġuri ma jħallix l-abbuż jiġri suġġett dejjem għas-salvagward aħħari tad-dritt tal-appell tal-akkużat fl-eventwalita` li l-Imħallef jonqos milli jeżerċita sew is-setgħat tiegħu skont il-liġi."**

**22.** Dan kollu japplika ghall-kaz in ezami. Inoltre, bhalma gie ritenut fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament komposta fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. John Borg** fis-16 ta' Jannar 2013:

**"Ma taqbilx ma' dak li qalet l-ewwel Qorti f'dan il-kaz li x-xhieda huma ammissibbli ghax jistghu jkunu l-lehen tal-istess allegata vittma fejn din wahedha ma tistax titkellem. Huma ammissibbli ghas-semplici raguni, fid-dawl ta' dak li ntqal, li l-fatt li hafna mix-xhieda xehdu dwar dak li qaltilhom l-allegata vittma jew min minnhom, ma jrendihomx xhieda inammissibbli. Sta ghall-Imhallef togat waqt il-guri biex jara illi ma jsirx abbuz fit-termini tas-sentenza precitata billi jikkontrolla x-xhieda u jispjega lill-gurati r-regoli tal-*hearsay* kif indikat f'dik is-sentenza .... Kwantu ghal xi opinjonijiet espressi minn min ma kienx mahtur bhala espert mill-Qorti, jekk ikun necessarju, waqt is-smigh tal-guri, l-Imhallef Sedenti jista` jwissi jew iwaqqaf lix-xhud jekk jara li dan ser jesprimi xi opinjonijiet."**

**23.** Ghaldaqstant, il-Qorti qeghda tichad it-tielet aggravju tal-akkuzat.

**<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti dwar l-Appell tal-Avukat Generali</u>**

**24.** Din il-Qorti ser tindirizza issa l-appell tal-Avukat Generali u li permezz tieghu qieghed jitlob li din il-Qorti tbiddel u tirriforma s-sentenza appellata billi (a) tħassarha limitatament f'dik il-parti fejn laqghet l-ewwel eccezzjoni mqajjma mid-difiza fir-rigward in-nullita` tat-tieni kap tal-Att tal-Akkuza, thassarha wkoll fir-rigward tat-tielet eccezzjoni maghmula mid-difiza li giet milqugha fejn ix-xiehda ta' Waylen Dimech u Daniel Aquilina giet sfilzata u minflok tichad l-ewwel eċċezzjoni tal-akkuzat u b'hekk ma tannullax it-tieni kap tal-Att tal-Akkuza bil-konsegwenzi kollha taghha u tichad ukoll it-tielet eccezzjoni fl-interita` taghha kif issollevata mid-difiza b'mod illi x-xiehda moghtija minn Waylen Dimech u Daniel Aquilina ma jigux sfilzati mill-atti in vista tal-legalita` taghhom u b'hekk jitqiesu bhala xiehda ammissibbli fil-kors tal-guri u skont il-Liġi; u (b) tikkonfermaha fil-kumplament tagħha.

**25.** Fir-rikors ta' appell tieghu l-Avukat Generali ndika s-segwenti aggravji :

"Illi preliminarjament u a skanz ta' ripetizzjoni jinghad illi dan l-appell jittratta limitatament n-nullita` tat-tieni kap tal-att tal-akkuza mertu tal-ewwel eccezzjoni tad-difiza u l-isfilz tax-xhieda ta' Waylon Dimech u Daniel Aquilina ghar-ragunijiet kif deskritti mill-Qorti Kriminali meta tat il-kunsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tat-tielet eccezzjoni mqajjma mid-difiza.

"Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccipit u ghal kull buon fini, l-esponent jixtieq jippuntwalizza wkoll li fir-rigward tan-nota li giet ipprezentata mid-difiza b'risposta ghall-eccezzjonijiet tal-Avukat Generali u datata 8 ta' Lulju 2011, l-esponent qatt ma gie notifikat b'din in-nota u kwindi ma kien qatt mitlub jew f'posizzjoni li jaghti risposta fir-rigward tal-kontenut u tal-gustifikazzjonijiet hemmhekk

moghtija mid-difiza. Filwaqt li din is-sitwazzjoni ma tantx taghti lok ghal cirkostanzi felici wisq u li indubjament svantaggaw lill-Avukat Generali fir-rigward tad-decizjoni mehuda mill-Qorti Kriminali fir-rigward tal-eccezzjonijiet tieghu, peress illi issa l-oggett ta' dawn ix-xhieda tal-prova inghatat mid-difiza u minghajr pregudizzju ghad-diskrezzjoni tal-Qorti Kriminali fil-kors tal-guri ai fini ta' relevanza o meno tax-xhieda u tad-dokumenti indikati, l-esponent jiehu l-opportunita li hawnhekk jiddikjara li mhux ser jinsisti fuq l-eccezzjonijiet li qajjem fin-nota tieghu u kwindi mhux ser jappella mid-decizjoni mehuda mill-Qorti Kriminali fir-rigward tac-cahda tal-eccezzjonijiet tal-Avukat Generali.

**"L-ewwel Eccezzjoni – In-Nullita` tat-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza.**

"Illi fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni din giet milqugha mill-ewwel Qorti peress li skond il-konsiderazzjonijiet maghmula minnha il-Qorti tal-Magistrati naqset milli taghmel id-digriet *prima facie* ai fini tal-akkuza mizjuda tal-istupru. Dan kien filfatt jirraprezenta l-ilment tad-difiza li sahqet li dan in-nuqqas kien iwassal ghan-nullita tat-tieni kap tal-akkuza. Il-prosekuzzjoni ssottomettiet li d-digriet *prima facie*, kif l-isem ta' dan id-digriet jippresta, huwa intiz sabiex l-ewwel Qorti tindika jekk hemmx bizzejjed provi sabiex l-akkuzat jitqieghed taht att ta' akkuza fid-dawl tal-provi preliminari migjuba quddiemha u kwindi b'dan id-digriet il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Struttorja tkun qed taghti hjiel fir-rigward tad-direzzjoni procedurali li l-Avukat Generali ghandu jiehu ai fini tal-akkuzi hemm migjuba <u>jew anki whud minnhom.</u> Hija indikazzjoni procedurali li finalment tigi effetwata permezz tar-rinviju a gudizzju jew l-att tal-akkuza mill-Avukat Generali galadarba l-provi tal-prosekuzzjoni ikunu konkluzi. Jista jaghti l-kaz li l-Avukat Generali ma jintrabatx mad-digriet *prima facie* fir-rigward tal-akkuzi kollha u jista allura jiddeciedi li l-att tal-akkuza tohrog fir-rigward ta xi uhud mill-akkuzi u mhux kollha jew li jinhareg anki n-*nulle prosequi* li twassal ghal-waqfien tal-proceduri fil-konfront tal-akkuzat li jkun fid-dawl ta' dawk il-proceduri kif migjuba kontrih. Dan huwa l-poter vestit fl-Avukat Generali li fl-

istadju tal-kumpilazzjoni u cioe fil-kors tar-rinviji huwa filfatt l-awtorita li tmexxi l-andament tal-kumpilazzjoni u dak li jirrizulta minnha. Dan mhux qed jinghad bl-iskop li tigi minimizata l-importanza ta' dan id-digriet u tar-rwol tal-Magistrat fl-Istruttorja izda biex jigi kjarifikat l-effett li dan id-digriet ikollu finalment fuq il-bqija tal-kumpilazzjoni u fuq l-Att tal-Akkuza innifsu. Dan qed jinghad ukoll fid-dawl ta' sottomissjonijiet ohra fuq dan il-punt li ser isiru aktar il-quddiem f'dan ir-rikors tal-appell.

"Illi iz-zieda fl-akkuzi, precizament l-akkuza ta' stupru rrizultat wara li nghatat ix-xhieda ta' Melvin Gatt fit-12 ta' Frar 2008 fejn hemmhekk hu ddikjara li kien hemm incident partikolari fejn hu kien effettivament gie stuprat mill-akkuzat. Dan qed jinghad peress li mill-ispjegazzjoni tal-incident li hu ta, irrizulta li f'cirkostanzi simili ghal dawk li wasslu ghall-akkuza tal-korruzzjoni ta' minorenni, kien hemm incident wiehed fejn l-akkuzat kien ippenetra b'mod sesswali u fisiku lill-vittma u dan kif rifless fil-fatti deskritti fit-tieni kap tal-att tal-akkuza. Din l-informazzjoni giet a konjizzjoni tal-Avukat Generali waqt l-ghoti tax-xhieda ta' Melvin Gatt u wara li nharget il-*prima facie* fir-rigward tal-akkuzi l-ohra kollha, tant illi kienu diga instemghu diversi xhieda u kien hemn aktar minn rinviju wiehed li nhareg fil-konfront tal-procedura kontra l-akkuzat. Jerga jighad ghal kull buon fini li dawn ix-xhieda iddeponew kemm qabel kif ukoll wara l-ghoti tad-digriet *prima facie* li jinstab l-atti u filfatt ix-xhieda tal Melvin Gatt li tefghet dawl car fuq l-imputazzjoni tal-istupru irrizultat mix-xhieda tieghu li nghatat <u>wara</u> dan id-digriet.

"Illi kwindi l-Avukat Generali f'istadju fejn ikun fil-fatt hu li qed jaghmel 'monitoring' tal-kumpilazzjoni ghamel rinviju datat 16 ta' April 2008 fejn talab li in vista ta' dak li xehed Melvin Gatt, il-prosekuzzjoni zzid l-akkuza relattiva, xi haga li l-ufficjal prosekutur fil-fatt ghamlet. Huwa kkonfermat ukoll li inqrat din l-akkuza l-gdida u li sar l-ezami minghajr gurament fuqu. Di piu` d-difiza rriservat dwar ezenzjoni o meno dwar ix-xhieda li kellhom jinstemghu sakemm saru verifici da parti taghha u l-atti regghu gew rinvjati lill-Avukat Generali. Huwa minnu li digriet *prima facie* ma kienx hemm fir-rigward tal-akkuza

mizjuda. Madankollu, konsiderando l-istadju u c-cirkostanzi li fihom din l-akkuza zdiedet u konsiderando li kien l-Avukat Generali stess li talab li din tizdied mill-provi li kien hemm ghax hu stess irrikonoxxa l-ezistenza tal-elementi tar-reat tal-istupru u konsiderando wkoll li f'dak l-istadju l-Qorti Istruttorja ma kinitx qed tissana l-atti izda tosserva kwezit tal-Avukat Generali fi stadju meta l-kumpilazzjoni kienet ghaddejja peress li diga` kien hemm digriet *prima facie* inizjali, kienet tirrekjedi li l-Magistrat tal-Istruttorja taghmel digriet iehor f'dan is-sens?

"Illi wiehed hawnhekk ma jistax ma jaghmilx referenza ghall-kontenut tad-digriet *prima facie* fejn kif diga` gie accennat aktar fuq, dan id-digriet li jinghata mill-Qorti Struttorja sempliciment jiddikjara li minn dak li jidher mill-provi inizjali jidher li hemm bizzejjed provi sabiex l-akkuzat jitqieghed taht att t'akkuza. Id-digriet fi stadju inizjali huwa bzonnjuz u gustifikat peress li f'dak il-mument l-Avukat Generali ma jkunx f'posizzjoni li jiddetermina dan wahdu ghax ma jkollux access ghal-provi u kwindi ma jkunx jista janalizza din il-potenzjalita` hu. Huwa ghalhekk li hemm il-htiega legali tal-*prima facie*. Izda c-cirkostanzi f'dan il-kaz juru ampjament car li kienu l-provi stess li kienu qeghdin jigu kkumpilati quddiem il-Magistrat tal-Istruttorja ferm wara l-ghoti tad-digriet *prima facie* li wasslu sabiex tinhareg din l-akkuza u fuq talba tal-Avukat Generali stess li f'dak l-istadju kien pjenament kompetenti u konxju biex jaghmel dak il-kwezit minghajr allura l-htiega ta' digriet iehor tal-*prima facie* li jinhareg mill-gdid fuq l-akkuza l-gdida. Dan jinghad iktar u iktar meta wiehed iqis li n-natura tar-reat tal-istupru fic-cirkostanzi kif deskritti hawnhekk huma simili hafna ghal dawk l-akkuzi kontra l-istess akkuzat formanti l-mertu tal-korruzzjoni ta' minorenni li fuqhom ma jidhirx illi hemm xi kontestazzjoni fis-sens tal-validita` taghhom.

"Illi dan l-argument huwa iktar validu fid-dawl ta' dak dispost fl-artikolu 435 tal-Kodici Kriminali li jinqara kif gej:

*"**435.** (1) L-Avukat Ġenerali jista' jiġbor u jġib provi oħra ma'dawk li jkunu nġiebu fil-kompilazzjoni:*

*Iżda ma jista' jdaħħal fl-att tal-akkuża ebda reat li l-akkuża tiegħu ma tkunx tista' toħroġ mill-kompilazzjoni li tkun saret.*

*"(2) Kemm-il darba minn dawn il-provi ġodda miġbura minnu kif jingħad hawn fuq, l-Avukat Ġenerali jsir jaf b'reat ieħor li ma jkunx hekk imdaħħal fil-kompilazzjoni, hu għandu jibgħat lura l-atti kollha lill-Qorti tal-Maġistrati, u din il-qorti għandha tissokta l-kompilazzjoni u tipproċedi fuq dan ir-reat l-ieħor. F'dawn il-każijiet iż-żmien biex tingħalaq il-kompilazzjoni, biex jintbagħtu l-atti u biex jiġi ippreżentat l-att tal-akkuża jerġa' jibda mill-ġdid, u l-ewwel żmien jibda jgħodd minn dak in-nhar li l-atti jintbagħtu lura lill-Qorti tal-Maġistrati.*

*"(3) Jekk ir-reat l-ieħor li, kif jingħad hawn fuq, ma jkunx imdaħħal fil-kompilazzjoni, ikun reat separat u iddivrenzjat għal kollox mir-reat jew mir-reati mdaħħlin fil-kompilazzjoni, għandha tinbeda, fuq talba tal-Avukat Ġenerali, kompilazzjoni ġdida u separata rigward dan ir-reat l-ieħor.*

*"(4) Kull talba li jagħmel l-Avukat Ġenerali taħt dan l-artikolu għandha ssir bil-miktub.*

"Illi konsiderando allura li (1) l-akkuza l-gdida ma kinitx inkluza fic-citazzjoni originali u (2) din irrizultat mill-provi filwaqt tal-kumpilazzjoni u (3) it-talba ghaz-zieda saret bil-miktub da parti tal-Avukat Generalik bhala l-ewwel kwezit tar-rinviju datat 16 ta' April 2008 u (4) t-termini gew rispettati u (5) in-natura tar-reat ma kienx ghal kollox differenti u kwindi ma kienx jirrekjedi li terga ssir kumpilazzjoni separata u gdida fuqha biss, jidher car anki mid-dicitura tal-artikolu 435 kif hawn fuq ikkwotat illi id-digriet *prima facie* ma kienx mehtieg. Tant hu hekk ukoll li skond din id-disposizzjoni l-kumpilazzjoni **tissokta** u mhux tibda mill-gdid, f'liema eventwalita` ikollha tigi segwita l-procedura taht l-artikolu 401 tal-Kodici Kriminali fejn id-digriet *prima facie* kien ikun mehtieg. Izda dan mhux il-kaz hawnhekk u dan peress li dak ipprospettat mill-artikolu 435 japplika perfettament ghal kaz in ezami.

"Finalment jinghad ukoll li fil-kaz ***Joe Brincat noe vs Avukat Generali***, l-Qorti Kostituzzjonali (Sede Civili) sahqet u kkonfermat li galadarba jinghata d-digriet *prima facie*, huwa l-Avukat Generali li effettivament imexxi u sa certu punt jikkontrolla l-andament tal-kumpilazzjoni u li l-Qorti ma tistax terga' tohrog digriet *prima facie*. Dan qed jinghad minghajr pregudizzju ghal meta jkun jinhtieg li l-atti jigu ssanati minhabba difett fil-kumpilazzjoni <u>izda dejjem fuq talba tal-Avukat Generali</u>. Fil-fatt f'dik is-sentenza jinghad is-segwenti:

*"[4] Illi meta l-atti jergghu jigu rinvijati lill-Qorti, il-kumpilazzjoni ma tergax tinfetah, fis-sens li l-Qorti Istruttorja ma tistax terga' tiddeciedi jekk ghadx hemm ragunijiet bizzejjed sabiex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza, jew tbiddel id-decizjoni taghha u tghid li l-imputat ghandu jigi liberat [discharged], kif lanqas tista' f' dak l-istadju tittrasforma ruhha f' Qorti ta' Gudikatura Kriminali. F' dan l-istadju l-funzjoni tal-Qorti hija limitata biss biex tisma' x-xhieda kif mitlub fl-att tar-rinviju, imma zgur mhux biex terga' tinfetah il-kumpilazzjoni. Dan jispjega ghaliex, filwaqt li l-presenza tal-imputat hija mehtiega ad validitatem matul il-kumpilazzjoni sabiex il-gbir tal-provi jsir kollu kemm hu fil-presenza tal-imputat, fl-istadju ta' rinviju s-smiegh tax-xhieda hemm indikati tista' ssir anke fl-assenza tieghu, purche' ikun debitament notifikat.*

*"Il-kliem tal-ligi fl-Artikolu 405 huwa car u ma jhallix lok ghal dubju dwar il-funzjoni tal-Qorti Istruttoria f' dan l-istadju. Skond it-termini stretti ta' dan l-Artikolu din il-qorti ghandha l-funzjoni biss li tisma' xhieda li jindikati fl-Att tar-rinviju; u ma ghandha ebda seta' tkompli l-kumpilazzjoni oltre t-termini tar-rinviji, ghax il-kumpilazzjoni inghalqet definittivament bid-decizjoni tal-Qorti fl-gheluq taghha.*

*"Konformament ma' dan il-Qorti [Corte Criminale] fil-kawza Rex vs Geraldo Ebejer deciza fl-4 ta' Mejju 1931[Vol.XXVIII.IV.7] dwar il-funzjoni tal-Qorti Istruttorja fi stadju ta' rinviju osservat: "Venendo quindi gli atti rimandati dal Pubblico Prosecutore alla Corte di Istruzione ……. dovra` ottemperare a quanto le fosse stato richiesto dal Prosecutore Pubblico….. Questa Corte non pote` fare*

*altro, perche` la competenza della stessa non puo estendersi oltre l' oggetto e lo scopo del rinvio giusta all' articoli 404 [illum 405] … E la Corte di Istruzione fece bene ad ottemperarsi unicamente a quanto le aveva richiesto il Prosecutore Pubblico". [sottolinear ta' din il-Qorti].*[3]

"Illi kwindi l-Avukat Generali umilment jissottometti li fil-kaz in kwistjoni z-zieda fl-akkuza rrizultat wara li Melvin Gatt li huwa l-allegat vittma tal-istupru, xehed il-Qorti fejn irrizulta li apparti mill-abbuzi sesswali li allegatament gew kommessi fuqu da parti mill-akkuzat u li gew ipprezentati fil-forma tal-akkuza ta' korruzzjoni ta' minorenni kien hemm incident partikolari kif spjegata minnu li indikat b'mod car l-elementi tar-reat tal-istupru u li kwindi marret oltre s-semplici korruzzjoni ta' minorenni. Dan wassal sabiex l-Avukat Generali talab zieda fl-akkuzi fir-rinviju sussegwenti u datat 16 ta' April 2008 li gie debitament osservat fil-parametri tal-artikolu 435 tal-Kodici Kriminali. Din kienet akkuza li rrizultat mid-deposizzjoni tal-vittma Melvin Gatt u li rrizultat waqt il-provi tal-kumpilazzjoni.

"Illi ghaldaqstant l-esponent Avukat Generali qed jissottometti illi din l-ewwel eccezzjoni ma kelliex tintlaqa u ghaldaqstant kellha tigi michuda u dan peress illi z-zieda tal-akkuza tal-istupru li jifforma l-mertu tat-tieni kap tal-Att tal-Akkuza li giet sfilzata mill-Qorti Kriminali ma kinitx tirrekjedi l-bzonn ta' digriet *prima facie* minhabba r-ragunijiet hawn fuq imsemmija.

**"It-tielet eccezzjoni – inammissibilta` ta' certu xhieda.**

"Illi **fit-tieni lok** u minghajr pregudizzju ghas-sueccipit fir-rigward tat-tielet eccezzjoni moghtija mid-difiza u kif hawn fuq ikkwotata, din giet parzjalment milqugha mill-ewwel Qorti fis-sens li ordnat l-isfilz tad-deposizzjonijiet ta' Daniel Aquilina u ta' Waylen Dimech u dan peress li dawn ix-xhieda gew mitluba mid-difiza wara z-zieda tal-akkuza tal-istupru izda ma tharkux sabiex jiddeponu fid-dawl tal-

---

[3] Qorti Civili Prim Awla (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) Onor. Imhallef Noel Cuschieri, Dr. Joe Brincat bhala mandatarju specjali tal-assenti Mark Stephens vs L-Avukat Generali [12.11.2004], Rikors no. 40/2004/1.

akkuza l-gdida u fid-dawl tan-nuqqas ta’ ezenzjoni taghom kif maghmula mid-difiza.

“Illi ghandu jigi kkjarifikat li r-raguni ghall-ezenzjoni parzjali tax-xhieda da parti tad-difiza kienet intenzjonata sabiex jixhdu xhieda li huma relevanti ghall-mertu tal-istupru li kien jikkoncerna biss bhala vittma lil Melvin Gatt. Fil-fatt dakinhar stess taz-zieda fl-akkuza li saret ai termini tal-artikolu 435 tal-Kodici Kriminali l-partijiet fil-verbal datat 22 ta’ April 2008 ikkonsultaw dwar l-eventwalita` li jerga’ jsir *video-conferencing* tal-allegat vittma Melvin Gatt, liema deposizzjoni ittiehdet sussegwentement u skond il-ligi. Ma jidhirx fil-fatt li minn dak il-verbal, kien hemm xi indikazzjoni dwar ir-relevanza tax-xiehda ta’ Daniel Aquilina u Waylen Dimech u dan peress meta kienu xehdu fl-istadju inizzjali tal-proceduri huma kienu xehdu fir-rigward tal-akkuza li tikkoncernahom u li f’ebda mod ma kienet timpingi fuq ix-xhieda ta’ Melvin Gatt fir-rigward tal-akkuza addizzjonali, bl-eccezzjoni li l-persuna allegatament responsabbli ghal dan l-agir kien dejjem l-istess akkuzat Noel Zarb.

“Illi l-ewwel Qorti ghamlet referenza ghal-nota tad-difiza a folio 273 fejn hemm dikjarazzjoni li saret permezz ta’ nota li tindika x-xhieda Melvin Gatt, Daniel Aquilina u Waylen Dimech bhala mhux ezentati ai fini tas-smiegh mill-gdid tax-xhieda taghhom. Preliminarjament jinghad illi jekk din l-Onorabbli Qorti kellha takkolji l-ewwel aggravju tal-Avukat Generali kif migjub f’dan l-appell il-kwistjoni ta’ ezenzjoni o meno ta’ xhieda ma tibqax wahda valida u dan peress li l-Qorti tal-Magistrati jkollha *tissokta* l-kumpilazzjoni fuq il-kaz kollu minghajr il-bzonn li ssaqsi lid-difiza jekk humiex ser jezentaw is-smiegh tax-xhieda mill-gdid o meno. Dan qed jinghad minghajr pregudizzju ai termini tal-artikolu 405(5) fejn id-difiza tista’ titlob is-smiegh ta xhieda godda jew il-kontro-ezami ta’ xhieda li diga` xehdu fil-kors tal-kumpilazzjoni. Dan pero` ma kienx dak rikjest hawnhekk....kienet kwistjoni ta’ ezenzjoni ta’ xhieda o meno u kwindi ma gietx applikata l-procedura skond din id-disposizzjoni. Jinghad ukoll ghal kompletezza li mill-verbal tat-22 ta’ April 2008 fejn zdiedet l-akkuza, in-nota tad-difiza ai fini ta’ din l-ezenzjoni tax-

xhieda li giet inserita fl-atti, gietipprezentata fil-5 ta' Mejju 2009.

"Illi r-relevanza tax-xiehda ta' Waylen Dimech u Daniel Aquilina kienet relevanti ai fini tal-akkuza li tikkoncerna lilhom u lilhom biss. Kwindi li l-Qorti tisfilza ix-xiehda taghhom (folio 49 et seq u 64 et seq tal-process) meta dawn xehdu fuq l-akkuza li tikkoncerna lilhom, liema akkuzi ghadhom validi u liema xiehda hija prova biss tal-akkuzi li jikkoncernaw lilhom direttament, u li f'ebda mod m'hija relevanti ghall-istupru ta' Melvin Gatt, mhijiex il-procedura korretta. Dan iktar u iktar jinghad in vista tal-fatt li x-xiehda moghtija originarjament saret skond il-ligi li kwindi ma tistax twassal ghall-isfilz taghhom mill-atti u dan peress li la saret skond il-ligi ma tistax titqies inammissibbli.

"Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccipit jinghad ukoll li jirrizulta li fil-fatt Daniel Aquilina tharrek il-Qorti u xehed fil-21 ta' Jannar 2011 izda ma jidhirx li saru xi mistoqsijiet da parti tad-difiza fil-konfront tieghu koncernanti l-mertu tal-istupru ta' Melvin Gatt. Dik kienet l-opportunita` tad-difiza ai fini tan-nuqqas ta' ezenzjoni tax-xhieda tieghu izda ma saru l-ebda mistoqsijiet f'dak is-sens. Filwaqt li dan ikompli jikkonferma n-nuqqas ta' relevanza ta' dan ix-xhud, il-prosekuzzjoni zgur mhux forsi ma kinitx obbligata f'ebda mod li terga' tharrek lil dan ix-xhud. Dan il-fatt innifsu ma jiggustifikax li l-Qorti Kriminali sfilzat mill-atti x-xiehda ta' Daniel Aquilina li kien xehed fil-bidu tal-proceduri fir-rigward tal-akkuza li kienet tikkoncernah u li kif jirrizulta wkoll xehed wara z-zieda tal-akkuza gdida. Kwindi jekk din l-Onorabbli Qorti kellha takkolji l-konkluzjonijiet tal-Qorti Kriminali fuq din l-eccezzjoni, indubjament ma setghatx tisfilza ix-xiehda ta' Daniel Aquilina."

**26.** Id-difiża argumentat illi d-digriet tal-*'prima facie'* jinghata mill-Qorti sabiex qabel persuna titqieghed taht att ta' akkuza jsir skrutinju mill-Qorti Istruttorja jekk verament il-kaz ghandux jitmexxa jew le. Meta l-Qorti tiddeciedi illi ma taghtix dan id-digriet tal-*'prima facie'* l-akkuzat jinheles u ma jkunx jista' jerga` jitressaq il-Qorti jekk ma tirrizultax

xi prova gdida li ma kinitx tezisti qabel ma tkun saret il-kumpilazzjoni.

**27.** Issa, mill-atti tal-kumpilazzjoni jirriżulta illi fir-rinviju tas-16 ta’ April 2008, l-Avukat Ġenerali talab, *inter alia*, li “in segwitu għall-aħħar deposizzjoni ta’ Melvin Gatt datata 12 ta’ Frar 2008 u għall-verbal ta’ nhar-is 17 ta’ Marzu 2008, l-uffiċjal prosekutur jagħmel iż-żieda meħtieġa fl-akkużi kontra l-imputat f’dan il-każ.” Fis-seduta tat-22 ta’ April 2008 inqrat l-akkuża addizzjonali (u mhux l-akkużi kollha) u sar l-eżami bla ġurament ta’ l-appellant (allura imputat). Il-Qorti Istruttorja mbagħad rinvijat l-atti lill-Avukat Ġenerali. L-appellant jippretendi li f’dak l-istadju l-Qorti Istruttorja kellha terga’ taghti d-digriet tal-*prima facie*, cioe` d-digriet jekk kienx hemm raġunijiet biżżejjed biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta’ akkuża. Il-Qorti Kriminali tat raġun lill-appellant. Din il-Qorti ma taqbilx.

**28.** Fil-kaz in ezami s-soluzzjoni tal-vertenza tinsab fl-artikolu 435 tal-Kodiċi Kriminali. Dan l-artikolu jipprovdi:

**“(1) L-Avukat Ġenerali jista’ jiġbor u jġib provi oħra ma’ dawk li jkunu nġiebu fil-kompilazzjoni:**

**Iżda ma jista’ jdaħħal fl-att tal-akkuża ebda reat li l-akkuża tiegħu ma tkunx tista’ toħroġ mill-kompilazzjoni li tkun saret.**

**“(2) Kemm-il darba minn dawn il-provi ġodda miġbura minnu kif jingħad hawn fuq, l-Avukat Ġenerali jsir jaf b’reat ieħor li ma jkunx hekk imdaħħal fil-kompilazzjoni, hu għandu jibgħat lura l-atti kollha lill-Qorti tal-Maġistrati, u din il-qorti għandha tissokta l-kompilazzjoni u tipproċedi fuq dan ir-reat l-ieħor. F’dawn il-każijiet iż-żmien biex tingħalaq il-kompilazzjoni, biex jintbagħtu l-atti u biex jiġi ippreżentat l-att tal-akkuża jerġa’ jibda mill-ġdid, u l-ewwel żmien jibda jgħodd minn dak in-nhar li l-atti jintbagħtu lura lill-Qorti tal-Maġistrati.**

**“(3) Jekk ir-reat l-ieħor li, kif jingħad hawn fuq, ma jkunx imdaħħal fil-kompilazzjoni, ikun reat separat u**

**iddivrenzjat għal kollox mir-reat jew mir-reati mdaħħlin fil-kompilazzjoni, għandha tinbeda, fuq talba tal-Avukat Ġenerali, kompilazzjoni ġdida u separata rigward dan ir-reat l-ieħor.**

**"(4) Kull talba li jagħmel l-Avukat Ġenerali taħt dan l-artikolu għandha ssir bil-miktub."**

**29.** Fil-fehma ta' din il-Qorti s-sinjifikat ta' dan l-artikolu huwa sempliċi. Fejn jirriżulta lill-Avukat Ġenerali xi reat ieħor li ma jkunx ġie akkużat bih l-imputat, l-Avukat Ġenerali jitlob lill-Qorti Istruttorja biex tipproċedi fuq dak ir-reat l-ieħor billi, jekk ikun reat "separat u ddivrenzjat għal kollox mir-reat jew mir-reati mdaħħlin fil-kompilazzjoni" il-Qorti Istruttorja <u>tibda</u> kompilazzjoni ġdida fuq ir-reat l-ieħor, iżda fejn ir-reat l-ieħor ma jkunx hekk "separat u ddivrenzjat", il-Qorti Istruttorja "<u>tissokta</u>" bil-kompilazzjoni (fit-test Ingliż: *"shall continue the inquiry"*). Allura f'dawk il-każijiet fejn il-kompilazzjoni għandha "tissokta" bil-kompilazzjoni, ġaladarba jkun diga` ngħata d-digriet tal-*prima facie*, mhemmx il-ħtieġa li jerġa' jingħata tali digriet b'referenza għar-reat miżjud.

**30.** Irid jingħad illi meta jingħata d-digriet li permezz tiegħu l-Qorti Istruttorja tiddeċiedi jekk hemmx raġunijiet biżżejjed biex imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża, il-Qorti Istruttorja ma toqgħodx tispigola dwar liema reat/i tkun qed tagħti tali digriet. Fil-fatt, fost ir-reati li bihom persuna tiġi akkużata jista' jkun hemm anke reat jew aktar ta' natura kontravvenzjonali.

**31.** Issa, fir-reat ta' stupru hemm kompriż u involut ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni. Għalhekk fil-każ in eżami ma kellhiex tinbeda kompilazzjoni ġdida a tenur tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 435 iżda kellha tissokta l-istess kompilazzjoni a tenur tas-subartikolu (2). Ir-referenza li hemm fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 435 li jerġa' jibda mill-ġdid iż-żmien biex tingħalaq il-kompilazzjoni, biex jintbagħtu l-atti u biex jiġi ippreżentat l-att tal-akkuża hi dik li hi, referenza għat-termini li tipprovdi l-liġi. Ma jingħadx (bħalma hemm fl-artikolu 401(2) tal-Kodiċi Kriminali) li meta tingħalaq il-kompilazzjoni f'dan l-istadju, il-qorti trid

tiddeċiedi jekk ikunx hemm jew ma jkunx hemm raġunijiet biżżejjed biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża b'referenza għar-reat il-ġdid. Din il-fehma hi msaħħa b'dak li jipprovdi l-artikolu 597(4) tal-Kodiċi Kriminali:

**"L-att tal-akkuża ma jistax jiġi attakkat minħabba difetti fl-atti tal-kompilazzjoni, u l-akkużat lanqas ma jista' jitlob li, minħabba xi wieħed minn dawk id-difetti, il-kawża ma tgħaddix 'il quddiem fuq dak l-istess att ta' akkuża, ħlief jekk dak id-difett ikun jikkonsisti fin-nuqqas għal kollox tar-rapport tal-uffiċjal tal-Pulizija jew tal-eżami tal-imputat jew tad-deċiżjoni li tiddikjara li l-imputat għandu jitqiegħed taħt att ta' akkuża, inkella fir-rifjut tal-qorti istruttorja, mingħajr raġuni tajba, li tisma' l-provi miġjubin mill-imputat; bla ħsara dejjem tal-jedd tal-akkużat u tal-Avukat Ġenerali li jopponi li jinġieb fil-kawża xi att li ma jkunx magħmul skont il-liġi, u li jkun irid jinġieb sabiex bih issir xi prova"** (sottolinear ta' din il-Qorti).

Ma jistax jinghad illi fil-każ odjern hemm "in-nuqqas ghal kollox ... tad-deċiżjoni li tiddikjara li l-imputat għandu jitqiegħed taħt att ta' akkuża, peress illi din id-deċiżjoni kienet diga` ttieħdet fis-seduta ta' l-24 ta' Lulju 2006.

**32.** Għalhekk, ġaladarba l-kompilazzjoni kellha biss "tissokta", ma kienx hemm il-ħtieġa lanqas illi jerġgħu jinstemgħu x-xhieda li kienu diga` nstemgħu salv, naturalment, xhieda dwar ir-reat miżjud u xhieda oħra dwar ir-reati oriġinali li forsi kienu għadhom ma xehdux. Konsegwentement ma trid tiġi sfilzata l-ebda xhieda.

**33.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad l-appell ta' Noel Zarb iżda tilqa' l-appell ta' l-Avukat Ġenerali u tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu laqgħet l-ewwel eċċezzjoni ta' l-appellant u in kwantu laqgħet parzjalment it-tielet eċċezzjoni ta' l-appellant u b'hekk tiċħad kemm l-ewwel eċċezzjoni ta' l-appellant kif ukoll it-tielet eċċezzjoni tiegħu. Tordna li l-atti jintbagħtu lura lill-Qorti Kriminali sabiex din tipproċedi ulterjorment fil-konfront ta' l-akkużat Noel Zarb.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------